# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar it-Tnejn 9 ta'Novembru 2015**

**Rikors Numru : 1212/2012/JPG**
**Kawza Numru: 17**

**Anthony Attard (K.I. 0143236(M) u**
**Rino Vella (K.I. 476778(M)**

**VS**

**Muscat Motors Limited C-420**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Anthony Attard u Rino Vella tal-4 ta' Dicembru 2012 illi jaqra hekk:

1. *Illi permezz ta' ftehim numru 20540, datat 28 ta' Marzu, 2012 l-esponenti Anthony Attard xtara minghand is-socjeta konvenuta BMW 520d, 5 series, kulur Alpine White, chassis WBAFW12080C736031, numru ta' registrazzjoni LTY 178 ghall-valur ta' erbghin elf Ewro (€40,000);*

2. *Illi l-vettura de quo inxtrat specifikament sabiex tintuza bhala taxi di fatti l-licenzja per se tghajjat lil esponenti Rino Vella; liema licenzja hi marbuta mal-vettura de quo;*

3. *Illi fil-jiem sussegwenti minn meta l-vettura giet konsenjata lil atturi, l-esponenti Rino Vella waqt l-uzu tal-istess vettura irrealizza li l-vettura kella difetti li jaghmluha mhux tajba ghal uzu li ghalih il-vettura giet mixtrija jew li kienet mahsuba u li kieku l-attur ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf li l-vettura konsenjata ma kelliex l-'extras' li huwa talab ghalihom;*

4. *Illi l-ispecifikazjonijiet tal-vettura konsenjata komparati mal-mudell li fuqu giet ordnata il-vettura jvarjaw senjatament l-'**interior and exterior mirrors'** mhumiex awtomatici kif rikjesti, **'smokers package', 'driving experience control including ECO PRO', 'interior trim finishers black high gloss', 'speedometer with kilometre reading** ' u l-bagoll tal-vettura ghandu l-ispray difettuz;*

5. *Illi l-esponenti Rino Vella tramite l-legali tieghu baghat korrispondenza sabiex jgib dana kollu a' formali konjizzjoni tas-socjeta konvenuta fejn sahansitra bdew negozjati kemm mas-socjeta konvenuta lokali kif ukoll mas-socjeta estera BMW gewwa l-Germanja u dan sabiex jigu rizolti dawn id-difetti li hi munita bihom il-vettura;*

6. *Illi nonostante li s-socjeta konvenuta offriet li tirrimedja u tirranga fejn tista dawn id-difetti dan ma kienx accettabbli ghal esponenti stante' li s-soluzzjoni kienet se tkun wahda temporanja u ma kienx qeghda tinghata l-ebda garanzija li d-difetti ser jittrangaw daqs li kieku l-vettura giet konsenjata kif originarjament ordnata;*

7. *Illi l-vettura in kwistjoni hija mhallsa fl-intier u lllum il-gurnata hi registrata fuq l-esponenti Anthony Attard;*

8. *Illi nonostante' illi l-esponenti interpella lis-socjeta konvenuta diversi drabi din baqghet inadempjenti ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

***Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha premessi, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u jinghataw il-provvedimenti opportuni, tghid is-socjeta konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tilqa t-talbiet attrici u joghgobha:***

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-vettura BMW 520d, 5 series, kulur Alpine White, chassis WBAFW12080C736031, numru ta' registrazzjoni LTY 178 kellha difett li ma jidhirx illi jaghmel il-vettura mhux tajba ghall-uzu li ghalih hi mahsuba jew li jnaqqas il-valur taghha, illi l-attur ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bih.*

2. *Tikkundanna u tordna lis-socjeta konvenuta tirrifondi dik il-parti mill-prezz li jigi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.*

3. *Konsegwentament tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti, okkorrendo bl-ghajnuna ta'periti nominandi.*

4. *Tiddikjara illi s-socjeta konvenuta responsabbli versu l-esponenti ghad-danni minnhom sofferti konsegwenza ta' dan il-kaz.*

5. *Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lil esponenti d-danni hekk likwidati."*

Rat id-digriet taghha tas-7 ta'Dicembru 2012 fejn apuntat il-kawza ghas-smiegh ghal-Hamis 14 ta' Frar 2013 fid-9.30am;

Rat ir-risposta guramentata ta' Muscat Motors Limited tat-23 ta' Jannar 2013 (a fol. 8) li taqra hekk:

1. *ILLI preliminarjament, l-esponenti m'ghandu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent Rino Vella, stante illi l-vettura in kwistjoni nxtrat mir-rikorrent l-iehor Anthony Attard u dan kif anke jirrizulta mill-annessi Dokumenti "MM1" u "MM2";*

2. *ILLl, fit-tieni lok, u wkoll b'mod preliminari, jidher illi r-rikorrenti qed jibbazaw it-talbiet taghhom fuq l-artikolu 1424 tal-Kodici Civili, liema azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 1431 tal-istess Kodici Civili;*

3. *ILLI minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, u fil-mertu, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, stante illi tali talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-vettura li giet ikkonsenjata lil Anthony Attard ma fiha ebda difetti u effetivament hija skont l-ordni minnu maghmula fid-9 ta' Frar 2012 kif jirrizulta mill-anness Dokumenti mmarkat "MM1", liema dokumenti huma ffirmati mill-istess rikorrent Anthony Attard;*

4. *ILLI minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ippruvat tasal ghal ftehim mar-rikorrenti minghajr ebda pregudizzu ghad-drittijiet taghha, u dan sabiex tinstab soluzzjoni bonarja izda dan ma sehhx mhux minhabba xi nuqqas da parti tal-esponenti;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Il-kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti ghall-ezami hija dik t'eccezzjoni preliminari, ta' preskrizzjoni ta' sitt xhur sikkome l-kuntratt ta' bejgh gie ffirmat fid-9 ta' Frar 2012 u sussgwentement fis-27 ta' Marzu 2012 li fiha giet konsenjata il-vettura indikata fir-rikors promotur ghal skopijiet tar-regoli tal-ADT u fit-3 t'April 2012 l-vettura giet fizikament konsenjata f'idejn l-atturi.

Meta l-attur Nazzareno sive Rino Vella ha l-konsenja fizika tal-vettura, huwa ddikjara car u tond a fol. 25:

> ***"jiena indunajt bihom (d-difetti) mal-ewwel u gibed l-attezzjoni tas-socjeta' intimata mal-ewwel dwar d-difetti."***

Dawn kienu:

***'Interior and exterior mirrors';***
***'Smokers package';***
***'Driving experience control including ECO PRO';***
***'Interior trim finishers black high gloss';***
***'Speedometer with kilometre reading ';***
***'Spray' tal-bagoll t*al-vettura kien difettuz.**

Fix-xhieda tieghu Vella jghid illi l-vettura tintuza bhala Taxi. Illi kien hu li hallas ghall vettura izda peress li Anthony Anthony Attard kellu licenzja ta' Taxi hareg il-vettura f'isem Attard.

Minn Dok. MM2, Vella kkonferma li l-firma kienet t'Anthony Attard fuq il-kuntratt ta' bejgh tal-vettura rilevanti.

L-attur Vella ezebixxa nota' b'dokumenti – Vide fol.20 u 21 li fih jidhru l-*ispecifications* tal-vettura mibjugha. Dan id-dokument huwa identiku ghal dak gie ezebit mis-socjeta' intimata a fol. 12.

Anthony Attard a fol. 23 et seq. xhed illi huwa ghandu permess ta' Taxi u d-*driver* tieghu Rino Vella hallas ghal-BMW meritu tar-rikors.

Huwa xhed illi kien nnegozja Rino Vella mas-socjeta' intimata dwar il-karozza, u dwar l-*ispecifications* u l-hlas.

David Sissons *Sales Manager* tas-socjeta' intimata xhed illi kienet giet ordnata l-vettura fid-9 ta' Frar 2012 u ezebixxa Dok. DS 1. Huwa xhed illi fuq dan d-dokument ma kienx hemm certu *specifications.* Fuq Dok. DS 2 a fol.35 jidher illi sar zball u cioe zewg *specifications* li ma kienux inkluzi fl-ewwel kuntratt tad-9 ta' Frar 2012 ma gewx riflessi fil-vettura inkwistjoni.

Huwa stqarr illi dawn l-*options* jew *specifications* pero kienu mehtiega ghaliex din kienet ordni specjali ta' vettura li kienet ser tintuza bhala Taxi.

Huwa xhed di piu', illi l-mirja bl-*anti-dazzle function* kienet *specification extra* 'l ghaliex ma kienitx inkluza jew indikata fl-ewwel ordni ta' Frar 2012, u li l-*interior trim finishing in black high gloss* kienet deskritta skorrettement.

Sissons xhed li l-vettura kienet konsenjata fit-3 t'April 2012. Sissons xhed illi kien sar ilment fil-31 ta' Mejju 2012 u ezebixxa Dok. DS 4 a fol. 38.

Sussegwentement, kien sar ftehim intern bil-ghan li l-partijiet jasslu ghal soluzzjoni fejn sahhansitra kien gej espert minn barra biex jwahhal il-mirja u jinstalla dak li kien nieqes, izda l-attur ma tfaccax biex jsiru l-aggustamenti – Vide fol. 32.

David Sissons in kontro-ezami a fol. 43A xhed illi ma setghax jghid jekk l-espert barrani kienx gej specifikament ghal din il-karozza biss ghaliex seta' gie ukoll ghal karozzi ohra; li l-atturi ma gabux il-vettura ghall-aggustamenti; li s-socjeta' intimata kienet sejra taghmel dawn l-aggustamenti minkejja li ma kienux indikati fl-ordni tad-9 ta' Frar 2012.

Dione Spiteri a fol. 43H ezebixxa Dok. D li huwa *service history* tal-vettura meritu tar-rikors promotrju.

Spiteri, fit-tieni xhieda tieghu a fol. 62 et seq., ezebixxa l-korrispondenza permezz ta'*emails* dwar l-istess karozza – Dok. DSX 1,2,3.

**Ikkonsidrat**:

Bejjiegħ hu obbligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa li jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu il-valur tagħha tant illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom.[1]

[1] Artikolu 1426 tal-Kapitolu 16

Di piu' Il-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti li jidhru, cioe' dawk li x-xerrej seta' jsir jaf bihom waħdu.[2]

Ghad-difetti latenti jew li ma jidhrux, il-bejjiegh jwiegeb ghalihom anke meta ma jkunx jaf bihom salv jekk jkun obbliga ruhu bla garanzija.[3]

Ghal-difetti latenti jew mohbija x-xerrej ghandu ghazla ta' zewg azzjonijiet – azzjoni redibitorja,- cioe' fejn jikkonsenja l-oggett mibjugh u jitlob ir-radd tal-prezz jew l-azzjoni stimatorja, fejn jżomm il-ħaġa mibjugha u jitlob lura parti mill-prezz li jiġi stabbilit mill-Qorti.[4]

Skond l-Artikolu 1429 tal-Kapitolu 16 jekk il-bejjiegh li kien jaf bid-difett tal-haga mibjugha huwa responsabbli mhux biss ghar-radd lura tal-prezz izda ukoll ghal hlas ta' Danni; izda huwa responsabbli biss ghal prezz u spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-bejgh jekk ma kienx jaf bid-difett.

Artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 jistipola:

> ***"L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa".***

**Ikkonsidrat:**

Illi mil-provi prodotti huwa inkontestat li l-vettura BMW 520d 5 Series numru ta' registrazzjoni LTY 178 giet ordnata fid-9 ta' Frar 2012 giet konsenjata lill-atturi fis-27 ta' Marzu 2012 ghal finijiet tar-rekwiziti tal-ADT waqt li fit-3 t'April 2012 giet konsenjata effettivament f'idejhom.

[2] Artikolu 1425 tal-Kapitolu 16
[3] Artikolu 1426 tal-Kapitolu 16
[4] Artikolu 1427 tal-Kapitolu 16

Il-Qorti tqis illi t-termini ta' preskrizzjoni ta' sitt xhur jibda jidekorri mit-3 t'April 2012.

Il-kawza odjerna giet istitwita fl-4 ta'Dicembru 2012.

Jrid jinghad illi t-terminu moghti fl-Artikolu 1431 japplika mhux biss ghall-*actio redhibitoria* izda ugwalment ghall-*actio aestimatoria*.

L-atturi jikkontendu illi huwa veru li t-trattattivi bejn il-kontendenti ma jistghux jitqiesu li jinterrompu l-preskrizzjoni izda l-accettazzjoni da parti tas-socjeta' intimata li taghmel t-tiswijiet jew l-aggustamenti,kienet fattur li jinterponi l-preskrizzjoni.

Illi ghalhekk meta l-vettura giet msejha f'Lulju fil-*garage* tas-socjeta' intimata ghat-tiswijiet dan, skond l-atturi kien jfisser illi l-preskrizzjoni giet interrotta – Vide Dok. DS5 a fol. 37.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti ezaminat il-gurisprudenza nostrali kif ukoll awturi notevoli f'dan il-qasam. Skond Laurent Diritto Civile VOl. 24 No. 291:

> ***"Il-compratore che chiede la riduzione del prezzo vuole mantenere la vendita. E' questo il suo diritto. Non puo' egli, invece d'una riduzione del prezzo, domandare chi l-venditore sia tenuto a rifarsi i vizi ed i difetti? La Corte di Parigi ha giudicato l'affermativa. La cosa ci pare dubbia. Per principio il-compratore non ha alcuna cizione contro il venditore per difetti della cosa, salvo quindi questi difetti costituiscono vizi redibitori e la legge determina quail siano gli effetti di questi vizi. Il-compratore non ha dunque altro diritto che quello la legge riconosce e la legge non gli da la faculta' di esigere delle riparazione."***

Infatti fis-sentenza **Joseph Zammit vs Spiridione L Mizzi noe** deciza fil-14 ta' Jannar 1964 gie ritenut:

> ***"Issa fil-kaz tal-attur huwa ma jistax jitlob riparazzjoni tal-magna imma sostituzzjoni taghha: dan huwa l-inqas li jista' jitlob fl-interess tal-istess venditur: seta' talab ir-rexissjoni tal-kuntratt u jitlob il-flus lura, li hallas ghal motor car kollu imma huwa ma jridx iwaqqa' l-vendita' u ghalhekk irid biss id-diferenza tal-prezz tal-magna jekk il-konvenut ma iridx jibdlilha biss il-magna, anzi l-attur iddikjara illi huwa pront biex ihallas ghad-deprazzament tal-magna in kwistjoni: biex dejjem ma jaggravax lill-konvenut."***

Din il-kwistjoni ggib in diskussjoni n-natura inerenti tal-azzjoni odjerna –l-azzjoni attrici hija verament *actio aestimatoria* jew azzjoni ghan-nuqqas ta' prezz minhabba li l-oggett mibjugh m'huwiex tal-kwalita' mifthema skond Artikolu 1390 tal-Kapitolu 16? fejn allura il-preskrizzjoni hija ta' sentejn? Huwa fatt inkontestat illi l-attur qieghed jilmenta illi l-vettura tieghu **wasslet Malta mhux skond l-*ispecifications*** li huwa kkontratta mas-socjeta intimata. Jghid car u tond illi **huwa nduna b'dana in-nuqqas immedjatament**.

In fatti fil-kaz **Buttigieg vs Hist** deciz 16 ta' Frar 1945 Vol XXXII.I.163 gie affermat mill-Qorti tal-Appell:

> ***Jekk l-oggett ma jkunx konformi ghal-ftehim, ma hemmx vizzju redibitorju, imma jkun kaz ta' inadempienza ta' kuntratt li ma ghandha x'taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji illi ghalhekk mhux applikabbli l-preskrizzjoni fuq dekadenza ta' xahar (illum sitt xhur ghall mobbli) imma dik il-preskrizzjoni ta' sentejn.***

Huwa evidentissmu illi l-attur Vella b'modd immedjat intebah illi l-vettura ma kellhiex l-*ispecifications* mifthiema.

**Huwa daqstant iehor evidenti  illi l-bejjiegh ma jwiegibx ghad-difetti illi jidhru.**

Illi ghaldaqstant l-Qorti tqis illi l-azzjoni ta'inadempjenza kontrattwali  ma hijiex preskritta skond il-ligi u ghaldaqstant tichad l-eccezzjoni tas-socjeta'  intimata .

Spejjez riservati ghal vertenza finali

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**